

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Ġunju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio – I-Italja) – BM, NP vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR**

(Kawża C-132/22<sup>(1)</sup>, Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca (Klassifikar speċjali))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-ħaddiem – Artikolu 45 TFUE – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Artikolu 3(1) – Ostakolu – Ugwaljanza fit-trattament – Proċedura ta' klassifikazzjoni għall-għoti ta' karigi f'ċerti stabbilimenti pubbliċi nazzjonali – Kundizzjoni għall-ammissjoni marbuta mal-esperjenza professjonal preċedenti miksuba fi ħdan dawn l-istabbilimenti – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza professjonal miksuba fi Stati Membri oħra – Ġustifikazzjoni – Għan tal-ġlieda kontra l-prekarjetà)

(2023/C 271/07)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: BM, NP

Konvenut: Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR

### Dispożittiv

L-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiem fi ħdan l-Unjoni,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li huma biss il-kandidati li jkunu kisbu ġerta esperjenza professjonal fl-istabbilimenti pubbliċi nazzjonali ta' taħbiġ superjuri artistiku, mużikali u koregrafiku li jistgħu jiġi ammessi għal proċedura ta' inklużjoni fil-listi stabbiliti għar-rekluta, permezz ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat u għal żmien determinat, ta' persunal f'dawn l-istabbilimenti u li b'hekk tipprekludi t-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-ammissjoni għal din il-proċedura, tal-esperjenza professjonal miksuba fi Stati Membri oħra.

(<sup>(1)</sup> ĠU C 207, 23.5.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-15 ta' Ġunju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franzia) – Saint-Louis Sucre vs Premier ministre, Ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation, SICA des betteraviers d'Etrepagny**

(Kawża C-183/22<sup>(1)</sup>, Saint-Louis Sucre (Rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' produtturi))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Statuti tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi – Artikolu 153(1)(b) – Regola ta' appartenenza tal-membri f'organizzazzjoni waħda tal-produtturi – Portata – Artikolu 153(2)(c) – Kontroll demokratiku tal-organizzazzjoni tal-produtturi u tad-deċiżjonijiet meħuda fi ħdanha mill-membri produtturi – Kontroll eżerċitat minn persuna fuq ġerti membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi)

(2023/C 271/08)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État